DI MALTA
TAJJEB LI TKUN TAF
Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

Marzu, 1963. Nru. 5/63.

# SIR ADRIANO DINGLI

JEKK wieħed jagħmel żewġ passi sal-Mall tal-Furjana wieħed jara numru ta' statwi u monumenti mwaqqfin min niesna f'ġieħ Maltin kbar li kisbu isem kemm għalihom infushom u kemm għal pajjiżhom. Fost dawn il-monumenti hemm wieħed tal-bronż li jikkommemora lil Sir Adriano Dingli, wieħed fost l-ikbar Maltin li qatt għexu.

Adriano Dingli twieled fl-1818 bin familja Għawdxija antika. Wara li għamel l-istudju regolari tiegħu huwa leħaq avukat fis-sena 1837 meta kien għadu lanqas għalaq għoxrin sena. Wara li kiseb il-lawrja fl-Università ta' Malta huwa mar fuq il-Kontinent u l-Ingilterra biex jistudja l-lingwi sewwa u l-liġi tal-pajjiżi Ewropej. Kemm dam barra minn Malta huwa żar l-Universitajiet l-iktar magħrufa tal-Ewropa bħal ma huma ta' Bologna Heidelberg, Sorbonne, Oxford u oħrajn. Dam sitt snin imsiefer u fis-sena 1843 reġa' lura Malta fejn beda jipprattika bħala avukat. Huwa kien avukat mill-aħjar u kien jidher li l-istħarriġ li għamel barra minn Malta kien swielu ħafna. Baqa' magħruf għal kawża kbira ta' libell li serva fiha.



Fl-1849 ġiet mogħtija 'l Malta kostituzzjoni ġdida li għall-ewwel darba kienet tagħti 'l Maltin rappreżentanza elettiva żgħira fil-Kunsill tal-Gvern. Adriano Dingli tħajjar joħroġ għal politika u qatagħha li joħroġ għad-distrett ta' Għawdex fejn kellu ħafna qraba u ħbieb. Fl-elezzjoni huwa ġie magħżul mill-poplu ta' Għawdex biex flimkien mas-seba' membri l-oħra eletti minn Malta jkun jista' jirrappreżenta l-poplu fil-Kunsill Governattiv. Minn din is-sena tista' tgħid li bdiet il-ħajja pubblika ta' Adriano Dingli, ħajja li ma' tul s-snin kellha ġġiblu suċċessi kbar.

Mal-bidu nett tax-xogħol tal-Kunsill kien jidher ċar li Adriano Dingli kien l-iktar membru influwenti. Tant hu hekk li bl-argumenti loġiċi u sodi tiegħu hu rnexxielu imexxi 'l Kunsill tal-Gvern dejjem skond xewqtu. Iżda ma' l-ewwel wera f'hiex kien jifhem l-iktar. Fl-ewwel sena tal-ħajja tiegħu fil-Kunsill huwa kien ta' siwi kbir meta beda jiġi studjat bir-reqqa l-abbozz tal-liġi kriminali li għaqda ta' avukati magħrufa kienu qed jikkodifikaw. F'dawn iż-żminijiet ismu kien marbut ukoll mal-formazzjoni ta' milizzja Maltija. Iżda din ma tantx kienet popolari. Huwa irrifjuta kemm-il darba li jkollu xi kmand fiha. F'dan iż-żmien ġie mitlub il-parir tiegħu fuq diversi affarijiet oħra bħal ma huma l-pjan biex Malta tiġi mixgħula bil-gass, u l-għażla ta' kumitat biex imexxi l-librerija ta' Għawdex li xi ftit snin qabel xi sinjuri Għawdxin kienu iffurmaw bejniethom.

Fl-1853 huwa ġie maħtur Avukat tal-Kuruna mill-Gvernatur ta' dak iż-żmien. Fl-istess jum missieru ġie maħtur President tal-Qorti tal-Appell. Din il-kariga ta' Adriano Dingli kienet l-ewwel kariga uffiċjali tiegħu. Qeda lill-Gvern hekk tajjeb li ġie mogħti unuri u dekorazzjonijiet. Fl-1857 huwa ġie maħtur Kavalier Kmandant ta' l-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ u għalhekk minn dak iż-żmien 'l quddiem beda jissejjaħ Sir Adriano Dingli. It-Teatru Rjal, imwaqqa' fl-aħħar Gwerra, kif ukoll is-suq tal-Belt saru fi żmienu u kellu parti importanti fil-bini tagħhom.

Flimkien ma' nies kbar oħra huwa nsista ma' awtoritajiet tal-Knisja barra minn Malta biex jaqtgħu 'l Għawdex djoċesi għalih, bl-isqof tiegħu. L-Għawdxin kienu ilhom żmien twil jitolbu għad-djoċesi. L-istess Arċipriet Saverio Cassar, li tant kien ħadem biex jeħles 'l Għawdex minn idejn il-Franċiżi xi sittin sena qabel, kien tħabat mhux ftit b'dan il-għan iżda ma kienx irnexxielu. It-talba ta' bniedem magħruf u miġjub bħal Sir Adriano Dingli ma dametx ma nstemgħet. Fl-1864, kważi mitt sena ilu, f'Konċistorju li sar f'Ruma Għawdex ġie dikjarat djoċesi għalih bl-Isqof, bil-Kattidral u l-Kapitlu tiegħu soġġetti direttament għall-awtorità ta' Ruma. Bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex ġie magħżul Monsinjur Michele Buttigieg mill-Qala. Huwa ġie konsagrat f'Ruma u meta reġa' lura lejn pajjiżu wera publikament il-gratitudni tiegħu u tal-Għawdxin lejn Sir Adriano Dingli. Il-Kapitlu

tal-Kattidral bħala sinjal ta' qima u ta' radd il-ħajr ordnaw kwadru taż-żejt jirrappreżenta lil dan il-patrijott u dendluh fl-Awla Kapitulari fejn għadu jidher sal-lum.

Sir Adriano Dingli ġie magħżul biex jifforma parti f'Missjoni Diplomatika Ingliża li marret Torin biex jiġi iffirmat trattat mar-Renju ta' Pjemonte. Huwa qeda dmiru tajjeb u ġie mfaħħar minn kulħadd. Drabi oħra huwa ġie mibgħut mill-awtortajiet Ingliżi fuq missjonijiet Diplomatiċi kemm f'Ċipru kif ukoll Tuneż.

Iżda l-ikbar biċċa xogħol ta' Sir Adriano Dingli u li għaliha jibqa' magħruf fl-istorja ta' Malta hija bla dubju ta' xejn il-kodifikazzjoni tal-liġijiet Ċivili u Kummerċjali ta' Malta. Trid ħafna spazju biex tagħti idea tajba tax-xogħol ta' fejda li għamel Sir Adriano Dingli fil-qasam tal-liġi. Huwa wera ħila kbira u għaqal liema bħalu biex fassal dawn il-liġijiet li għadhom sal-lum jixhdu l-għerf tiegħu. It-tagħlim vast tiegħu u l-konoxxenza kbira li kellu tal-liġijiet kontinentali mnisslin mid-Dritt Ruman permezz tal-Kodiċi ta' Napuljun servewh ħafna biex sawwar il-liġijiet kif nafuhom aħna. Huwa eżamina bir-reqqa l-liġijiet tal-pajjiżi kontinentali l-iktar evoluti u minnhom ħa l-aħjar prinċipji li sawwar bihom il-liġijiet Ċivili u Kummerċjali ta' Malta.

Għal żmien twil Sir Adriano Dingli kellu f'idejh it-tmun ta' Malta. Jingħad li huwa kien il-veru Gvernatur ta' Malta. Fl-1880 meta missieru rtira minn President tal-Qorti tal-Appell huwa ġie maħtur minfloku. Billi l-awtoritajiet kellhom fiduċja ħafna fih il-kariga tiegħu ġiet mogħnija bi privileġġi kbar. Bħala Prim Imħallef Sir Adriano Dingli kompla juri l-ħila kbira tiegħu. Iżda fl-1894 fl-età ta' 76 sena huwa rtira biex igawdi ftit mistrieħ li tant kien jistħoqqlu.

Fl-4 ta' Marzu, 1900 Sir Adriano Dingli miet ta' 82 sena fid-dar tiegħu l-Belt. Huwa kellu funeral mill-isbaħ li għalih attendew mijiet ta' nies, fosthom il-Gvernatur stess. Wara xi snin ġie mwaqqaf ad unur tiegħu monument tal-bronż fil-Mall, xogħol il-magħruf skultur Malti, Antonio Sciortino. Fl-1907 ir-Re Dwardu VII, li dak iż-żmien kien Malta, kixef dan il-monument u waqt iċ-ċerimonja stqarr li huwa kien jaf personalment lil Sir Adriano Dingli.

Illum insibu żewġ triqat imsemmija għalih, waħda fir-Rabat ta' Għawdex u l-oħra f'Tas-Sliema.

Miss R. Cauchi,
23 Magazine Str.,
Mdina.

T.T.T.O.H.M.S.

6-PM 28 MAR 1963 MALTA

D. of I.